



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13243/21

CONOP 68
COARM 212
CODUN 47
CFSP/PESC 1005

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP), kif approvati mill-Kunsill fit-3826 laqgħa fil-15 ta' Novembru 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-GĦAXAR KONFERENZA TA'
REVIŻJONI TAL-PARTIJET GĦAT-TRATTAT DWAR IN-
NONPROLIFERAZZJONI TAL-ARMİ NUKLEARI (TNP)**

1. Il-Kunsill jilqa' l-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni li jmiss tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP) u jafferma mill-ġdid l-appoġġ inekwivoku tiegħu għat-TNP bħala l-pedament tar-reġim globali ta' nonproliferazzjoni nukleari, il-bażi essenzjali biex jinkiseb id-diżarm nukleari skont l-Artikolu VI tat-TNP u element importanti fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi skont l-Artikolu IV tat-TNP. Il-Kunsill itenni l-appoġġ sod tal-Unjoni għas-salvagwardja u t-tisħiħ tal-arkitettura tad-diżarm nukleari, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi. Għandna konvinzjoni sħiħa li l-approċċ multilaterali u bbażat fuq it-trattat huwa l-aħjar mod biex jinżammu u jissaħħu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali.
2. Huwa ta' dispaċir għall-Kunsill li l-posponiment tal-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni ma setax jiġi evitat u jisħaq fuq il-kontribut siewi tal-Konferenzi ta' Reviżjoni għall-implimentazzjoni tat-TNP.
3. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza tal-universalizzazzjoni tat-TNP u jappella lill-Istati kollha li għadhom ma nġhaqdux mat-Trattat biex jagħmlu dan bħala Stati li ma għandhomx armi nukleari u biex, sal-adeżjoni tagħhom, iżommu mat-termini tiegħu. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kisbiet storiċi tat-TNP fil-limitazzjoni tal-proliferazzjoni tal-armi nukleari, fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni dwar l-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi u fit-tnaqqis sinifikanti tal-ħażniet ta' armi nukleari fid-deċennji preċedenti. It-TNP għandu valur dejjiemi u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu issa hija meħtieġa aktar minn qatt qabel.

4. Il-Kunsill jappoġġa bil-qawwa kull wieħed mit-tliet pilastri tat-TNP u ser ikompli jippromwovi implimentazzjoni sħiħa komprensiva, bilanċjata u sostantiva tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2010. Aħna nisħqu fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati l-obbligi kollha skont it-TNP, u l-impenji meħuda f'Konferenzi ta' Reviżjoni preċedenti, inkluż il-ħtieġa għal progress konkret lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu VI, fejn l-għan aħħari jkun l-eliminazzjoni totali tal-armi nukleari. Aħna determinati li nfitxu dinja aktar sikura u sigura għal kulħadd skont l-għanijiet tat-Trattat b'mod li jippromwovi l-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Istati Membri tal-UE biex jimmobilizzaw ir-rieda politika u jippromwovu l-implimentazzjoni tal-għanijiet tat-TNP permezz ta' diversi inizjattivi matul iċ-ċiklu ta' rieżami attwali bħall-Inizjattiva ta' Stokkolma.
5. Fl-ambjent ta' sigurtà attwali kkaratterizzat minn tensjonijiet dejjem akbar u kriżijiet u sfidi serji ta' proliferazzjoni, għandhom jiġġeddu l-isforzi fil-qasam tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi. Il-Kunsill jappella lill-Istati kollha kkonċernati biex jastjenu minn kwalunkwe pass li jista' jwassal għal żieda fit-tensjonijiet u jdgħajjef it-tnaqqis sinifikanti miksub wara tmiem il-Gwerra Bierda. Għandha tiġi evitata tellieqa ġdida tal-armi nukleari.
6. Il-Kunsill jixtieq jissottolinja li l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-64 azzjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2010 hija responsabbiltà kollettiva kondiviża mill-Istati kollha Partijiet għat-TNP mingħajr eċċezzjoni.
7. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-kwistjonijiet li ġejjin:
 - L-impenn tiegħu li jmexxi 'l quddiem id-diżarm nukleari, skont l-Artikolu VI tat-TNP, speċjalment permezz tat-tnaqqis b'mod ġenerali fil-ħażniet dinjija tal-armi nukleari, u waqt li jqis ir-responsabbiltà speċjali tal-Istati sidien tal-akbar arsenali nukleari.

- L-appoġġ tiegħu għal djalogu intensifikat, inkluż dwar l-istabbiltà strateġika, trasparenza akbar u miżuri għall-bini tal-fiduċja mill-Istati b'armi nukleari biex jiġi promoss aktar progress fid-diżarm.
- Il-benefiċċji ta' ħidma konkreta dwar it-tnaqqis tar-riskju strateġiku u nukleari, u għalhekk il-ħtieġa urġenti li l-Istati kollha kkonċernati jiddiskutu, jaqblu u jimplimentaw miżuri prattiċi għal dak il-għan.
- Il-valur tal-kooperazzjoni multilaterali li tmexxi 'l quddiem il-verifika tad-diżarm nukleari. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' t-tlaqqiġ tal-Grupp ta' Esperti Governattivi (GGE) biex jikkunsidra r-rwol tal-verifika nukleari biex id-diżarm nukleari jitmexxa 'l quddiem fl-2021. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kontribut tal-kooperazzjoni Prattika bħas-Sħubija Kwadripartitika ta' Verifika Nukleari u tal-eżerċizzji prattiċi, bħall-eżerċizzju Belġjan rigward il-metodi ta' kejl tal-plutonju, l-eżerċizzju Franko-Ġermaniż ta' Verifika tad-Diżarm Nukleari (Nadine) kif ukoll tar-riċerka u d-dimostrazzjoni dwar metodi ta' individwazzjoni ta' splussivi kbar imwettqa min-Netherlands fil-format tas-Sħubija Internazzjonali għall-Verifika tad-Diżarm Nukleari (IPNDV). Filwaqt li l-verifika mhijiex għan fiha nnifisha, żvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-istrumenti ta' verifika tad-diżarm nukleari jgħin fil-kisba u ż-żamma ta' dinja mingħajr armi nukleari.
- L-appell tiegħu għall-bidu immedjat tan-negozjati, u l-konklużjoni bikrija tagħhom, fil-Konferenza dwar id-Diżarm, għal Trattat li jipprojbixxi l-produzzjoni ta' materjal fissili għall-użu fl-armi nukleari jew f'apparat splussiv ieħor u li jista' jappoġġa l-bidu tan-negozjati skont id-dokument CD/1299 u l-mandat li jinsab fih. Sakemm ikun hemm FMCT fis-seħħ fil-futur, il-Kunsill jappella lill-Istati kollha kkonċernati biex jiddikjaraw u jżommu moratorju immedjat fuq il-produzzjoni tal-materjal fissili għall-armi nukleari jew apparat nukleari ieħor.

8. Il-Kunsill jilqa' l-qbil milħuq bejn l-Istati Uniti u l-Federazzjoni Russa biex it-Trattat START Ġdid jiġi estiż għal ħames snin oħra. L-Unjoni tagħti l-akbar importanza lit-Trattat START Ġdid u tqisu bħala kontribut kruċjali għas-sigurtà internazzjonali u tal-Ewropa. It-tnaqqis skont it-Trattat START Ġdid ta' ħażniet nukleari strateġiċi użati li żdied b'mod partikolari minħabba l-mekkaniżmu ta' verifika robust tiegħu, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tat-TNP permezz tat-tnaqqis ġenerali fil-ħażniet globali ta' armi nukleari użati. Il-Kunsill jisħaq fuq il-bżonn li jiġu ppreservati l-proċessi ta' kontroll tal-armi, diżarm u nonproliferazzjoni u li jsir progress fuqhom. Filwaqt li nfakkru fl-obbligi, għall-Istati kollha li għandhom armi nukleari, previsti fl-Artikolu VI tat-TNP, nissottolinjaw li ż-żewġ Stati b'armi nukleari li għandhom l-akbar ħażniet għandhom responsabbiltà speċjali fil-qasam tad-diżarm nukleari u l-kontroll tal-armi. Il-Kunsill iħeġġiġhom jippruvaw ikomplu jnaqqsu l-ħażniet tagħhom inkluż dawk ta' armi nukleari strateġiċi u mhumiex, użati u mhumiex u li jkomplu b'aktar diskussjoni dwar it-tisħiħ tal-fiduċja, it-trasparenza, it-tnaqqis tar-riskju, l-attivitajiet ta' verifika, sabiex iwittu t-triq għal ftehimiet futuri u rappurtar dwar il-kontroll tal-armi saħansitra aktar b'saħħithom. Il-Kunsill jappella liċ-Ċina biex tikkontribwixxi b'mod attiv għal dawn il-proċessi.
9. Il-Kunsill jilqa' t-tnedija tad-Djalogu dwar l-Istabbiltà Strateġika u d-dikjarazzjoni mill-ġdid tad-dikjarazzjoni tas-Summit ta' Rejkjavik fis-Summit bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka f'Ġinevra.
10. Il-Kunsill jinnota l-konsegwenzi severi ħafna marbuta mal-użu tal-armi nukleari u jenfasizza li l-Istati kollha għandhom ir-responsabbiltà li jevitaw li jiġri dan.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġġeddu l-isforzi multilaterali u tingħata ħajja ġdida lill-korpi ta' negozjar multilaterali, b'mod partikolari l-Konferenza dwar id-Diżarm, u, f'dan ir-rigward, jara li tissaħħaħ l-organizzazzjoni tal-ħidma tagħha kif ukoll it-tkabbir tagħha fil-futur. L-istaġnar kontinwu tagħha, inkluż il-falliment persistenti tagħha biex taqbel dwar Programm ta' Ħidma u tagħti l-istatus ta' osservatur lill-Membri kollha tan-NU, jibqa' sors ta' tħassib.

12. Il-Kunsill iqis li t-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT) huwa ta' importanza kruċjali għad-diżarm u n-nonproliferazzjoni nukleari u d-dħul fis-seħħ tiegħu huwa prijorità ewlenija u ta' importanza politika kbira għall-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill jappella lill-Istati kollha li għadhom ma ffirmawx jew ma rratifikawx is-CTBT, speċjalment dawk elenkati fl-Anness II, biex jagħmlu dan mingħajr prekontizzjonijiet jew dewmien żejjed. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Istati kollha biex jirrispettaw il-moratorju fuq splużjonijiet ta' ttestjar ta' armi nukleari jew kwalunkwe splużjoni nukleari oħra, u biex joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tmur kontra l-għan u l-fini tat-Trattat.
13. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza kritika ta' żoni eżistenti ħielsa mill-armi nukleari għall-paċi u s-sigurtà u jibqa' impenjat għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni dwar il-Lvant Nofsani adottata fil-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP tal-1995. Il-Kunsill jinnota t-tlaqqigħ tal-Konferenza tan-NU fl-20 ta' Novembru 2019 dwar l-istabbiliment fil-Lvant Nofsani ta' żona ħielsa mill-armi nukleari u minn armi oħra ta' qerda massiva u mis-sistemi ta' kunsinna tagħhom u jieħu kuraġġ mill-eżitu tagħha. Il-Kunsill ifakkar li, kif iddikjarat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Konferenza tat-TNP fl-2010, żoni bħal dawn jistgħu jiġu stabbiliti biss abbażi ta' arranġamenti mil-huqa bejn l-Istati kollha tar-reġjun ikkonċernat li jaġixxu b'mod ħielsa.
14. Il-Kunsill jibqa' mħasseb serjament dwar kriżijiet u sfidi persistenti ta' proliferazzjoni, li għadhom theddida għas-sigurtà internazzjonali, u jissottolinja d-determinazzjoni tiegħu li jżid l-isforzi ta' nonproliferazzjoni u li jsaħħaħ, juniversalizza u jagħmel l-arkitettura tan-nonproliferazzjoni nukleari aktar effettiva. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet paċifiċi u diplomatiċi, u jenfasizza li jeħtieġ li l-komunità internazzjonali tibqa' vigili u li tkun lesta biex tiffaċċa dawn l-isfidi u li tindirizzahom b'determinazzjoni. Il-Kunsill jissottolinja r-responsabbiltà primarja tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

15. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-ħidma importanti tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) u b'mod partikolari li s-sistema ta' salvagwardja tagħha hija komponent fundamentali tar-reġim ta' nonproliferazzjoni nukleari u taqdi rwol fundamentali fl-implimentazzjoni tat-TNP. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn EURATOM u l-IAEA tippermetti salvagwardji effettivi u effiċjenti. Il-Kunsill jenfasizza li l-Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi (CSA) flimkien mal-Protokoll Addizzjonali (AP) jikkostitwixxu l-istandard ta' verifika attwali skont it-TNP u jappella għall-universalizzazzjoni tagħhom mingħajr dewmien.
16. Il-Kunsill itenni l-impenn qawwi tiegħu u l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK). Il-PAKK huwa element ewlieni tal-arkitettura globali tan-nonproliferazzjoni nukleari, approvata unanimament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU permezz tar-risoluzzjoni 2231 (2015) tiegħu. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kwistjonijiet marbuta mal-irtirar unilaterali tal-Istati Uniti mill-PAKK u l-impożizzjoni mill-ġdid ta' sanzjonijiet minnhom. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib serju tiegħu li l-Iran kompla b'azzjonijiet inkonsistenti mal-PAKK u b'implikazzjonijiet severi, u f'ċerti każijiet irriversibbli, għall-proliferazzjoni. Huwa jhegġegħ lill-Iran biex ireġġa' lura l-attivitajiet kollha li huma inkonsistenti mal-PAKK u jerġa' lura għall-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji nukleari tiegħu mingħajr dewmien, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Protokoll Addizzjonali u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza tal-PAKK. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi diplomatiċi intensivi li għaddejjin fil-Kummissjoni Konġunta tal-PAKK u l-kuntatti tar-Rappreżentant Għoli tal-UE mas-sħab rilevanti kollha bħala l-Koordinatur tal-Kummissjoni Konġunta. Il-Kunsill jibqa' serjament imħasseb bl-attività tal-missili ballistiċi tal-Iran u jappella lill-Iran biex joqgħod lura minn attivitajiet li huma inkonsistenti mar-risoluzzjoni 2231 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u biex ma jwettaq l-ebda attività relatata ma' missili ballistiċi ddeżinjati b'mod li jkunu jistgħu jgħorru armi nukleari, inkluż launches li jużaw din it-teknoloġija tal-missili ballistiċi. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Iran biex ma jittrasferixxi l-ebda komponent ta' missili jew ta' missili jew teknoloġija tal-missili lil atturi mhux statali.
17. Il-Kunsill jinnota b'dispijaċir kbir li s-Sirja għad trid tirmiedja n-nuqqas ta' konformità tagħha mal-Ftehim ta' Salvagwardji tagħha billi tikkoopera bħala kwistjoni ta' prijorità u b'mod trasparenti mal-IAEA biex jissolvew il-kwistjonijiet pendenti kollha u jistieden lis-Sirja tiffirma, idaħħal fis-seħħ u timplimenta b'mod sħiħ Protokoll Addizzjonali mal-IAEA mill-aktar fis possibbli.

18. Il-Kunsill jinsab imħasseb serjament bil-proliferazzjoni li għaddejja tat-teknoloġija tal-missili, peress li din hija fattur destabilizzanti ċar. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ qawwi tiegħu għas-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR) u l-Kodiċi ta' Kondotta ta' The Hague (HCoC) kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi. Il-Kunsill jappella għas-sottoskrizzjoni universali għall-HCoC, u għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu, billi l-HCoC huwa l-uniku strument multilaterali ta' trasparenza u ta' bini ta' fiduċja fir-rigward tat-tixrid ta' missili ballistiċi.
19. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib serju tiegħu li r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) għadha għaddejja b'azzjonijiet biex tkompli tiżviluppa l-programmi illegali tagħha tal-armi nukleari u tal-missili ballistiċi. Il-Kunsill jikkundanna l-passi meħuda mir-RDPK biex iżżid il-kapaċità tal-armi nukleari u tal-missili li għandha, inkluż l-isparar ripetut ta' missili u ż-żamma ta' faċilitajiet marbuta magħhom. Il-Kunsill ihegġegħ lir-RDPK biex iżżomm lura mit-testijiet nukleari u l-isparar ta' missili ballistiċi kollha. Il-Kunsill jappella lir-RDPK biex tieħu passi konkreti biex iżżarma l-armi tagħha ta' qerda massiva, il-missili ballistiċi u l-programmi nukleari eżistenti b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli kif deċiż mir-Riżoluzzjoni 2397 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill ihegġegħ lir-RDPK biex tkun involuta f'diskussjonijiet sinifikattivi mal-partijiet rilevanti kollha biex tibni bażi għall-paċi u s-sigurtà sostenibbli u biex tieħu passi mmirati lejn id-Denuklearizzazzjoni Kompletta, Verifikabbli u Irreversibbli tal-Peniżola Koreana. Il-Kunsill jinsisti li r-RDPK terġa' lura għall-konformità mat-TNP u l-Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi tal-IAEA, iddaħħal fis-seħħ il-Protokoll Addizzjonali, u jħeġġiġha tiffirma u ttrattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari. Il-Kunsill jappella lill-Istati kollha biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU inkluż l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sanzjonijiet kollha.

20. Il-Kunsill huwa determinat li jiżgura l-ogħla standards ta' sikurezza, sigurtà u salvagwardji nukleari, jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-IAEA f'dan ir-rigward u l-finanzjament sinifikanti tal-Unjoni għall-attivitajiet tagħha. Il-Kunsill ifakkar li l-Istrument Ewropew il-ġdid għal Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari, b'baġit ta' EUR 300 miljun għall-2021-2027, ser jappoġġa pajjiżi terzi fl-oqsma tas-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjażzjoni, il-ġestjoni tal-iskart nukleari, u s-salvagwardji nukleari. Il-Kunsill jilqa' d-dikjarazzjoni ministerjali tal-Konferenza Internazzjonali dwar is-Sigurtà Nukleari (ICONS), li tirrifletti r-rieda politika tal-Istati Membri u żżid aktar valur u gwida politika għall-proċess tat-tisħiħ tas-sigurtà nukleari globalment.
21. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għad-dritt inaljenabbli tal-Partijiet kollha għat-TNP li jiżviluppaw ir-riċerka, il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi mingħajr diskriminazzjoni u f'konformità mat-TNP, inkluż fil-qafas tal-Programm ta' Kooperazzjoni Teknika tal-IAEA. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija bi prezz affordabbli u jirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom u li jagħżlu l-aktar teknoloġiji adatti biex kollettivament jiksibu l-mira tal-klima għall-2030. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-attivitajiet tal-IAEA biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jilhqqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u b'mod partikolari l-kontribut possibbli tax-xjenza u t-teknoloġija nukleari f'oqsma bħas-saħħa tal-bniedem, l-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel, il-ġestjoni tal-ilma, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali.
22. Il-Kunsill jissottolinja li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet huma prijorità orizzontali importanti għall-Unjoni u jemmaen li huwa importanti li l-perspettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu integrati f'diskussjonijiet fit-tliet pilastri tat-TNP. Barra minn hekk, il-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ u jippromwovi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-qasam tad-diżarm, in-nonproliferażzjoni u l-kontroll tal-armi u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP.

23. Il-Kunsill jappoġġa l-educazzjoni dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, li għaliha l-Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni, in-network Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti, qed jikkontribwixxi b'diversi attivitajiet.
24. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP tħalli riżultat pożittiv u sostantiv, kemm billi teżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni tat-Trattat u l-impenji meħuda qabel, kif ukoll billi tidentifika oqsma li fihom, u permezz tagħhom, għandu jsir aktar progress fil-futur. Il-Kunsill jiddeċiedi li jikkontribwixxi b'mod attiv għall-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP, inkluż permezz ta' proposti għal azzjonijiet konkreti u orjentati lejn il-futur għall-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni. Għal dak il-għan, ikkontribwixxa b'Dokumenti ta' Ħidma għaċ-Ċiklu ta' Reviżjoni attwali u għar-rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali mill-Istati Membri tal-UE. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu approċċ attiv u kostruttiv għan-negozjati fil-Konferenza ta' Reviżjoni.
-